# TRID TAF ?...

Lil Rużar Briffa, B. Sc.

—Trid taf xinhu poeta ?
—Bniedem li twieled hekk, u li ta' qalbu
Tbiddillu x-xejra
L-ebda qawwa ma tista' u l-ebda ġrajja:
Bniedem li jħobb is-Sewwa,
It-Tjieba, l-Ġmiel, u, biex isibhom, dejjem
Jgħarrex, jistaqsi, jħabrek,
B'idu miftuħa mqegħda
Fuq il-qalb tal-ħolqien ;
Bniedem li ma jinbieħx u jħobb lill-għajru
Mingħajr ma jaf min hu,
Bniedem għatxien ta' l-hena
U mxabba ta' kulljum bid-dmugħ u n-niket :—
Ħabib, dan hu poeta.
    Iżda jekk darba f'ħajtu
Fuk it-triq ħarxa bil-għollieq u l-ħofor
Jiltaqa' ma xi ħadd b'fehma sabiħa,
Li jsellem u jidħaklu d-daħka ħelwa
Ta' ħbubija bla ħiena,
Dan il-bniedem jitbissem,
U minn ġe' sidru jfur għal ħarstu l-hena,
Il-hena ta' bla tarf li hu poeta.

**Dun Karm**

5.3.29